TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Garry Scerri**

**Vs**

**Fair Deal Furniture Ltd**

**CCT 89/25/MM**

**Illum,** 24 ta' Lulju 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2025 fejn talab is-somma ta' elf u disgħin ewro (€1,090), rappreżentanti l-valur ta' mejda b'wiċċ tal-ħġieġ li r-rikorrent xtara mingħand is-soċjeta' intimata u li nkisret matul il-perjodu tal-garnazija.

Ra illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma daħħlet l-ebda risposta u ma deherx meta hekk imsejjah biex jixhed fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2025.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta intimata hija kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal-persuna*

*mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li *"Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali".* (Ara wkoll App. Ċiv: 12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**; u l-kawża fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad *"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha.* (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent qiegħad jitlob is-somma ta' elf u disgħin ewro (€1,090), rappreżentanti l-valur ta' mejda b'wiċċ tal-ħġieġ li spontanjament sploda u tfarrak f'biċċiet żgħar madwar tlett xhur li tali mejda kienet inxtrat mingħand is-soċjeta' intimata. Illi dan l-inċident inqabad fuq CCTV li għandu fid-dar tiegħu stess. Illi fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2025 ir-rikorrenti xehed bil-ġurament u kkonferma l-avviż tat-talba kif ukoll ikkonferma bil-ġurament l-evidenza dokumentarja li tikkonsisti f'irċevuti, *invoice, pen drive* bil-filmat tas-CCTV u korrispondenza mas-soċjeta' intimata fejn din ċaħdet li l-mejda kienet koperta b'xi garanzija u għalhekk irrifjutat li tibdel il-wiċċ tal-mejda. Illi l-attur jispjega li s-soċjeta' intimata ma kinietx għamlet iżjed kuntatt miegħu u għalhekk kellu jagħmel din il-kawża.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-provvedimenti tal-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-taqsima hija msejħa "*Bejgħ ta' oġġetti lill-Konsumatur*". A tenur tal-artikolu 73 ta' dan l-Att:

**(1)** Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti –

**(a)** jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u lkwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;

**(b)** jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih ilkonsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lillkummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;

**(ċ)** jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw; u

**(d)** juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti talistess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta tal-oġġetti u meta jitqiesu ddikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment flirreklamar jew fuq it-tikketti....

L-artikolu 74 jaqra hekk:

**(1)** Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.

**(2)** Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew –

**(a)** li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew

**(b)** li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2).

L-artikolu 75 imbagħad jipprovdi li:

**(1)** Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjahom, f'kull każ bla ebda ħlas.

**(2)** Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu –

**(a)** il-valur tal-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,

**(b)** xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u

**(ċ)** jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(3)** Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta tal-oġġetti u l-iskop li għalih ilkonsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti.

Finalment, skont l-artikolu 76:

**(1)** Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt –

**(a)** meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

**(b)** jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew

**(ċ)** jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(2)** Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni tal-kuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti.

**Ikkunsidra**

Illi ġie ritenut mill-Qrati tagħna illi l-garanzija konvenzjonali pattwita tikkostitwixxi mezz ta' tisħiħ għat-tutela tax-xerrej. *"Dan fis-sens li hi in aggunta mal-garanzija dovuta ex lege mill-venditur (Artikolu 1378, Kodici Civili) ghad-difetti li ma jidhrux (Artikolu 1408, Kodici Civili) u ghar-responsabilita` tal-bejjiegh stabbilita mil-ligi minhabba mankanza tal-kwalita` mweghda (Artikolu 1390, Kodici Civili). Fi kliem iehor, dik il-garanzija akkordata ma hijiex b'eskluzjoni ta' dik stabbilita fl-Artikolu 1424, kif hekk seta' jsir bl-Artikolu 1426 ta' l-istess Kodici"* (**Dorianne Bartolo Vella -vs Industrial Motors Limited**, 26 ta' Jannar, 2005). Ingħad ferm sew qabel din mill-Qorti ta' l-Appell, sede Kummerjcali, illi *"biex ikun hemm limitazzjoni tal-garanzija legali, jehtieg li jkun hemm ftehim car li juri dik illimitazzjoni li biha jkunu kuntenti z-zewg partijiet. Il-fatt li fuq id-dokument ikunu mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma hux bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanziji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkustanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanizja ghal dak biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanzija legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikunu inkonciljabbli mal-garanzija legali"* (**Joseph Cefai -vs Carmelo Petroni et nomine**, 28 ta' Gunju, 1957); B'aktar forza rafforzata dan li nghad isib konferma fid-dixxiplina kodicistika taht l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, affidanti lit-Tribunal specjali krejat bħala awtorita` ġudizzjarja bil-kompitu li, għall-ahjar ħarsien tal-konsumaturi, jeżerċita kontroll sostanzjali fuq il-kuntratt bejn kommerċjant u konsumatur bil-għan li jiddetermina sija li l-klawsoli tal-ftehim ma jkunux unilateralment predisposti mill-kummerċjant jew tal-volta vessatorji (ara Artikoli 44, 45, 46 u 81 ta' l-Att), sija li l-konsumatur ma jitlefx il-benefiċċju ta' kull garanzija oħra in aġġunta ma' dik konvenzjonali jew kummerċjali (ara Artikolu 82, 83 u 85 ta' l-Att); Premess dan, jinżel mill-Att imsemmi illi obbligu primarju tal-kummercjant hu dak li jikkunsinna lill-konsumatur oġġett konformi mad-deskrizzjoni u l-ispecifikazzjoni fil-kuntratt tal-bejgħ u hekk adottat għall-iskop li l-oġġett kellu jservi [ara Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378]. Hu mbagħad provdut in tema ta' preskrizzjoni illi l-kummercjant għandu jkun responsabbli taħt dan il-provvediment u dak l-ieħor sussegwenti ghalih (Artikolu 74) meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformita` fi żmien sentejn mill-kunsinna ta' l-oġġett. Perijodu dan li skond l-Artikolu 78 jibqa' sospiz sakemm idumu għaddejjin in-negozjati bejn il-partijiet bl-iskop ta' ftehim amikevoli.

**Ikkunsidra**

L-unika prova li tinsab quddiem it-Tribunal hija filmat tas-CCTV li juri b'mod ċar li l-ħġieġa tal-mejda (tempered glass) ploda waħdu u b'mod spontanju, mingħajr ebda kuntatt ma ħadd u xejn. Din iċ-ċirkostanza tagħti lok għal preżunzjoni ta' difett fil-manifattura bħala l-iktar kawża probabbli ta' dan l-inċident. Il-kumpanija intimata' ma ressqitx risposta għall-ilment u lanqas ma ppreżentat provi jew spjegazzjonijiet alternattivi sabiex tikkontesta din il-preżunzjoni. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn il-konsumatur jipprovdi prova prima facie ta' difett li ma jistax jiġi attribwit għal ħtija tiegħu, u fejn l-intimat jonqos milli jikkontradixxi jew iwaqqa' din il-prova, il-prinċipji ta' drittijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti jippermettu li tiġi rreklamata responsabilità fuq il-fornitur jew bejjiegħ għall-prodott difettuż. Għalhekk, fid-dawl tal-provi u n-nuqqas ta' difiża, it-Tribunal jikkonkludi li hemm responsabbiltà fuq il-kumpanija intimata' li tagħmel tajjeb għall-ħsara subita mill-konsumatur.

Illi għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal isib li s-soċjeta' intimata kisret l-obbligu li tikkunsinna lill-konsumatur oġġetti li kien konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ u għalhekk trid twieġeb għad-danni kif previsti fl-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk fuq il-mertu t-Tribunal ser jagħddi biex isib favur ir-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' elf u disgħin ewro (€1,090) fi żmien ġimgħatejn mil llum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

**Avv. Martha Mifsud**
**Arbitru**